# Ħal Tabuni

Mario Dimech

Għal ħafna żmien is-Siġġiewi kien imdawwar bl-irħula ta' Ħal Kbir, Ħal Xluq, Ħal Qdieri u Ħal Tabuni li lkoll kienu jiddependu minnu fuq livell ta' *Capitania* tad-Dejma u anke dak ta' parroċċa. Ħal Tabuni hu l-inqas raħal magħruf fost dawn l-irħula żgħar l-oħra. Probabbilment, dan hu dovut għall-fatt li kien l-iżgħar fost dawn l-irħula kif ukoll għax kien l-ewwel wieħed minnhom li spiċċa diżabitat. Minħabba dawn l-istess żewġ raġunijiet, Ħal Tabuni ftit li xejn jissemma fid-dokumenti u l-atti notarili taż-żminijiet Medjevali u allura l-istudji s'issa jippreżentawlna informazzjoni ferm limitata dwar dan ir-raħal.

Ħal Tabuni, probabbilment ħa ismu minn laqam jew kunjom ta' familja ta' nisel Għarbi – *Ta' Buni*.

Dan ir-raħal kien jinsab kilometru 'l bogħod mis-Siġġiewi, fuq in-naħa tal-Punent Il-Lbiċ, propju mill-inħawi li minn taħt *tal-Għolja*, bejn wieħed u ieħor minn *taż-Żiri* u *San Dawdar*, sa *tal-Pinċjott*. Mid-dokumenti nafu li Ħal Tabuni kien ikopri l-akkwati kollha ta': *Ġnien Dors*, *il-Ħofor*, *ta' Ħofret ir-Riħ, il-Ħrejba, ta' Ħifernet*, *tal-Barru*, *tal-Mitħna*, *il-Ħabel ta' Xaqra*, *Bieb ir-Raħal*, *ta' Randun*, *ta' Xaqqitana*, *il-Wileġ ta' Ħal Tabuni*. In-numru ta' bjar f'din il-medda art li għadhom jeżistu sal-lum u l-kappelli li xi darba kienu mibnija hawnhekk jixhdu li xi darba tabilħaqq dan il-post kien abitat.

L-eqdem dokument importanti li jagħtina ftit dawl fuq l-istorja ta' dan ir-raħal ċkejken hu dak tal-lista tad-Dejma tal-1419/20 misjub u analiżżat mill-Prof. G. Wettinger. Minn dan id-dokument insiru nafu li l-komunità ta' Ħal Tabuni kienet tipprovdi 11-il raġel għall-għassa tax-xtut Maltin. F'lista oħra tad-Dejma (c.1425) instab li kienu 10 l-irġiel li jagħtu sehemhom f'din l-għassa. L-istudjużi jikkalkulaw li kull raġel f'dawn il-listi tad-dejma jirrappreżenta medja ta' 5/6 nies. Għalhekk nistgħu nikkonkludu li l-popolazzjoni ta' Ħal Tabuni fil-bidu tas-seklu 15 kienet madwar 55 ruħ, kważi daqs dik ta' Ħal Qdieri (medja ta' 65 ruħ).

Jidher li Ħal Tabuni kien għadu abitat sal-bidu tas-seklu 16 għax f'att notarili tal-1506, instab kuntratt li juri kif ċertu wieħed Salvu Farrugia kien residenti f'dan ir-raħal. Minn wara din is-sena ma nsibu l-ebda informazzjoni oħra dwar persuni meqjusa residenti f'Ħal Tabuni. Dan ifisser li dan ir-raħal kien spiċċa diżabitat. Peress li Ħal Tabuni kien raħal ċkejken, kien joffri inqas sigurta' u protezzjoni lill-abitanti tiegħu mill-attakki tal-furbani. X'aktarx din kienet ir-raġuni prinċipali li wasslet biex dan ir-raħal jitbattal għal kollox min-nies għall-ħabta ta' nofs is-seklu 16. Id-dokumenti jagħtuna x'nifhmu li minn dan iż-żmien, l-artijiet fejn kien hemm Ħal Tabuni bdew jitqiesu parti minn Ħal Kbir, ir-raħal li kien jinsab fl-akkwati magħrufa llum bħala *tal-Bajjada* u *tal-Providenza*.

Meta l-Viżitatur Appostoliku Mons. Duzina żar dawn l-inħawi fl-1575, għalkemm jirreferi għal Ħal Tabuni ma tana l-ebda ħjiel li kien xi post abitat. Dan ifisser li għalkemm l-inħawi kienu għadhom magħrufa bl-istess isem, Ħal Tabuni ma kienx għadu kkunsidrat bħala raħal, bħala post t'abitazzjoni. Tant hu hekk li Mons. Duzina inkluda t-tliet kappelli li żar f'dawn l-inħawi fil-lista tal-knejjes rurali tal-parroċċa tas-Siġġiewi, u kiteb li

jinsabu "f'Ħal Kbir, fl-inħawi magħrufa ta' Ħal Tabuni". Minkejja kollox, hu probabbli ferm li l-kappelli kienu nbnew meta Ħal Tabuni kien għadu popolat.

L-ewwel knisja li żar Duzina kienet dik ta' Santa Marija magħrufa propju bħala *'ta' Ħal Tabuni'*. Minn dan il-laqam marbut ma' din il-kappella, wieħed jista' jikkonkludi li l-kappella kienet meqjusa bħala l-knisja prinċipali ta' Ħal Tabuni. Kienet tinsab fl-artijiet li kien jipposjedi Giovanni Muxi, u li kellha bħala rettur lil Dun Federiku Attard, kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ. Sid l-art kellu jagħmel tajjeb biex jiġu ċċelebrati l-għasar u l-quddiesa nhar il-festa. Bħal ħafna kappelli ta' dawn iż-żminijiet, il-kappella ta' Santa Marija kienet waħda sempliċi b'altar wieħed. Duzina sab din il-kappella fi stat ħażin, tant li la kellha bibien tal-injam u lanqas paviment u għalhekk talab lis-sid u lil Dun Federiku biex jirranġaha fi żmien xahar.

Mill-viżta pastorali tal-1598 nafu li fit-2 ta' Diċembru 1586, Giovanni Muxi ħalla xi benefiċċji marbuta ma' din il-kappella. L-informazzjoni mill-Viżti Pastorali tindika li l-kappella ta' Santa Marija ġiet ipprofonata fis-seklu 17.

Kappella oħra li żar Mons. Duzina fl-1575, kienet tinsab fl-inħawi taċ-ċimiterju *ta' San Dawdar*. Din il-knisja ċkejkna kienet iddedikata lil San Teodoru, qaddis tar-raba' seklu. Id-dokumenti juruna li din il-kappella kienet ġa mibnija fis-seklu 15 u kellha benefiċċji marbuta magħha. Dużina sab li għalkemm din il-knisja kellha altar, ma kelliex bibien u kienet nieqsa minn bosta affarijiet neċessarji. F'dawn l-akkwati, is-sidien, Cola Farrugia u Calcerano Axiaq, kienu akkwistaw din l-art mingħand zijuhom Dun Andreas Axiaq, qassis li kien kappillan tas-Siġġiewi ftit tas-snin qabel. Dun Andreas ħalla din l-art f'idejn in-neputijiet tiegħu bil-kundizzjoni li jiġu ċċelebrati għasar u quddiesa f'jum il-festa tal-qaddis.

Għalkemm Duzina sab li din il-kappella ma kelliex qassis bħala rettur tagħha, in-neputijiet ta' Dun Andreas kienu qed jissodisfaw din l-obbligazzjoni li kellhom. Duzina obbliga




**Mappa ta' M. Weiss (1838) li turi l-ibliet u l-irħula ta' Malta fil-bidu tas-seklu 19 u li fiha mmarkat l-inħawi fejn jinsab Ħal Tabuni (bi kliem Tabbuni)**

lis-sidien biex jagħmlu bibien ġodda għall-kappella fi żmien xahar, inkella jeħlu multa ta' 10 skudi. Sadanittant l-obbligazzjonijiet kollha li kellha l-kappella ta' San Teodoru kellhom jibdew isiru fil-knisja prinċipali ta' dan ir-raħal (probabbilment Duzina kien qed jirreferi għall-kappella tan-Nativitā tal-Madonna f'Ħal Kbir) jekk dan kien possibli. Jekk le, kellhom jiġu ttrasferiti fil-knisja parrokkjali ta' San Nikola, is-Siġġiewi. Sal-1598 l-istess għalqa, magħrufa 'ta' Tawdar', li ftit snin qabel kienet f'idejn Cola Farrugia u Calcerano Axiaq, kienet għadha trendi introjtu għal din il-kappella. Imma mill-viżta pastorali li kien għamel l-Isqof Tommasso Gargallo, jidher li sid din l-art ma kienx magħruf. Għalhekk l-Isqof talab lill-kappillan tas-Siġġiewi biex ifittex ta' min kienet l-art. F'din il-viżta Gargallo sab li l-kappella ma kinitx tinsab f'kundizzjoni tajba: kienet nieqsa mill-pittura titulari u bosta affarijiet neċessarji oħra u l-ħitan kienu fi stat ħażin.

Nafu wkoll li sal-1598 kienu żdiedu żewġ għelieqi oħra, magħrufa bħala ta' San Tawdar, li l-introjtu minnhom kien jagħmel tajjeb biex tiġi ċċelebrata l-quddiesa fil-kappella ta' San Teodoru f'jum il-festa tiegħu. Jidher li l-kappella ta' San Teodoru kienet ġiet ipprofonata fil-bidu tas-seklu 17.

It-tielet kappella li Duzina jagħtina informazzjoni fuqha kienet dik ta' San Lawrenz, li kienet tinsab fl-artijiet ta' Ġużeppi Farrugia. Anke din il-kappella kienet fi stat ħażin għax minkejja li kellha altar la kellha paviment, la bibien tal-injam, la bosta affarijiet neċessarji oħra u lanqas rettur. Duzina obbliga lil Ġużeppi Farrugia biex jirranġa l-kappella u jagħmlilha bibien ġodda. Nafu li fis-seklu 17 kienet inbniet kappella ġdida lil San Lawrenz. Din il-kappella, li kienet tinsab in-naħa ta' fuq tat-telgħa ta' San Lawrenz, kienet ġiet ipprofonata fl-1859 u aktar tard konvertita f'residenza privata. Probabbilment l-ewwel kappella, dik li żar Duzina, kienet mibnija f'post ieħor minn dak li kienet tinsab fih it-tieni waħda għax fi żmien Duzina l-inħawi fejn kienet mibnija t-tieni kappella kienu magħrufa b'isem ieħor.

Mid-dokumenti eżistenti, huwa ċar li min-nofs tas-seklu 16 'il quddiem, Ħal Tabuni qatt ma reġa' ġie popolat b'tali mod li jerġa' jibda jitqies bħala raħal. Kemm Gian Franġisk Abela fl-1647, kemm GiovAnton Ciantar fl-1780, kif ukoll Luis Boisgelin fl-1805, jikkumentaw l-istess: li minn Ħal Tabuni ma kien għad fadal xejn għajr l-isem marbut mal-artijiet fl-akwati fejn kien jeżisti qabel. Li l-isem ta' Ħal Tabuni baqa' marbut mal-inħawi fejn kien jinsab, jixhduh xi mapep ta' Malta tas-sekli 17, 18 u anke 19. Illum, b'xorti ħażina, lanqas l-isem innifsu ta' *Ħal Tabuni* ma għadu marbut mal-inħawi li fihom kien jeżisti u allura m'għad fadal xejn li jfakkarna f'dan ir-raħal ċkejken għajr għad-dettalji miktubin fid-dokumenti u l-kotba tal-Istorja.

**Referenzi**


Archivium Archiepescopale Melitense, Visitatio Pastoralis (Cagliares): 1615

AAM VP (Gargallo): 1598

Abela, Comm. G. F., Facsimile edition (1984), Della Descritione di Malta isola nel mare siciliano con le sue antichitā, ed altre notizie

Aquilina G. & Fiorini S., (2000), Documentary Sources of Maltese History, Part IV – Documents at the Vatican Vista Apostolica no.51 Mgr. Petrus Duzina 1575

Aquilina Ġ.,(1987), Maltese – English Dictionary

Borg V., (2008), Melita Sacra I, The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD

Borg V., (2009), Melita Sacra II, The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD

Ciantar, G., (1780), Malta Illustrata

Luttrell, A.T., (1975), Medieval Malta – Studies on Malta before the Knights

Serracino Inglott E., (1984), Il-Miklem Malti

Wettinger G., (2001), Place-names of the Maltese Islands ca 1300-1800

Wettinger, G., (1969), The Militia List of 1419-20 – A New starting point for the study of Malta's population, (Offprint from Melita Historica, Vol.V)

MEPA, Map Server (online) : http://mapserver.mepa.org.mt